# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar il-Ħamis, 26 ta' Mejju 2022**

**Talba Nru. 300/2020 JG**
**Numru fuq il-Lista: 6**

**Princess Holdings Limited (C-72528)**

**Vs**

**Andrew Bailey (ID 64293A) f'ismu personali kif ukoll bħala eżerċenti l-kummerċ ta' BRB International Frieght Solutions**

**It-Tribunal;**

Ra l-Avviż tat-Talba tas-soċjetá attriċi ippreżentat fis-27 ta' Novembru 2020[1];

Ra r-risposta tal-konvenuti ippreżentata fid-29 ta' Settembru 2021 fejn, fl-ewwel eċċezzjoni, il-konvenut qajjem l-eċċezzjoni tal-*privilegium fori.*

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess;

Ra dak li seħħ fis-seduta tat-22 ta' Novembru 2021 fejn din il-kawża ġiet stradata biss għall-provi u trattazzjoni ta' din l-eċċezzjoni;

Ra n-nota tas-soċjetá attriċi[2] u d-dokument anness magħha;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta hekk kif ordnat fis-seduta tal-21 ta' Marzu 2022[3].

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra**

Illi din is-sentenza tirrigwarda u tikkonċerna biss l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti. Din *ad letteream* taqra hekk:

> *1. Illi fl-ewwel lok, l-eċċipjenti jinvoka l-privilegium fori fis-sens li dawn il-proċeduri għandhom jinstemgħu f'Għawdex u mhux Malta stante li l-esponenti huwa residenti f'Għawdex u infatti l-esponenti l-indirizz personali kuk ukoll dak tal-kummerċ tal-mittenti dejjem kien f'Għawdex;*

Illi minn dak li jirriżulta mit-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet, dawn it-tnejn jagħmlu referenza b'mod esklussiv għal dan il-privileġġ kif jemerġi mill-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[4]. Huwa doveruż fuq it-Tribunal jissenjala li din it-tip t'argumentazzjoni m'hijiex tajba u dan għas-segwenti raġunijiet.

---

[2] Din tinsab a fol 41 tal-proċess.
[3] Trattazzjoni tibda a fol 47 tal-proċess.
[4] Hekk per eżempju intqall hekk: mid-difensur tal-konvenut *".....primarjament fuq dak illi u qed nistrieħ fuq l-artikolu 767 tal-Kodici tal-Kap 12". Aktar tard ukoll intqal hekk: "In-naħa l-oħra peró jidher illi qed tistrieħ mhux biss fuq is-767 imma qed tistrieħ ukoll fuq l-artikolu 770, u ċioé fejn għandha tiġi eżegwita dik l-obbligazzjoni."* Fir-replika wkoll, l-avukat tal-s

Illi dan it-Tribunal huwa prinċipalment regolat b'liġi speċjali *ad hoc* u għalhekk sakemm din il-liġi speċjali hija silenzjuza jew ma tagħmilx riferiment espliċitu għal xi liġi oħra ġenerali, hija dik il-liġi speċjali li għandha tiġi applikata[5]. Dan ma huwa xejn għajr kliem ieħor għal massima *lex specialis derogat generalis.*

Illi l-kontendenti intrambi pero, kif diġa' ġie indikat fin-notament erbgħa, jiffokaw biss fuq l-artikoli 767 u 770 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi dik l-argumentazzjoni tagħmel sens fir-rigward tal-Qrati ordinarji iżda mhux għal dan it-Tribunal. Dan qiegħed jingħad, għaliex ġie issa ġie diversi drabi ribadit kemm minn dan it-Tribunal[6] kif ukoll mill-Qorti tal-Appell minn sentenzi tiegħu, li l-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jifforma biss Tribunal wieħed unitarju li għandu l-fakolta' jagħmel laqgħat u udjenzi tiegħu kemm Malta u kemm Għawdex[7]. Dan b'differenza per eżempju għal-Qorti tal-Maġistrati fejn, a tenur tal-artikolu tal-artikolu 47(1) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta hija l-liġi stess li tikkreja kemm Qorti għal Malta u waħda għal-Għawdex.

Illi għalhekk, il-fatt ta' fejn kellha ssir l-obbligazzjoni mertu ta' dan il-proċediment huwa irrilevanti. Dak li l-liġi speċjali trid hija li sa fejn huwa

---

[5] Dwar deċiżjoni fuq eċċezzjoni identika issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **John Portelli et vs Victor Cachia et),** (App Nru: 24/01) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar il-11 ta' Lulju 2002 fejn in materja intqal hekk: *"Minn qari ta' l-Att dwar Tribunal Ghal Talbiet Zghar (Kap. 380) ma jirrizulta li hemm l-ebda provvediment f'din il-ligi li jaghti beneficcju simili lill-konvenut, jew li jaghmel l-Artikoli fuq citati tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12) applikabbli ghall-proceduri li jigu ntavolati quddiem it-Tribunal Ghal Talbiet Zghar. L-uniku haga li jistipula l-Kap. 380 huwa li t-Tribunal ghandu jzomm il-laqghat tieghu f'Malta u Ghawdex u "sa fejn ikun prattikabbli, izomm il-laqghat tieghu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja taghha" (Artikolu 3[4] tal-Att numru V ta' l-1995)."*

[6] Fost diversi u sempliċement per kompletezza dan it-Tribunal jirreferi għal deċiżjoinijiet preċedenti tiegħu (diversament kompost) fl-ismijiet **Michael Buttigeg vs Stepehn Schembri**, (Talba Nru: 17/2005) deċiża nhar it-23 ta' Mejju 2005, **Margaret Xuereb vs Ernest Cilia noe**, (Tlb Nru: 11/2006) deċiża fil-25 ta' Mejju 2006 u dik fl-ismijiet **Angelo Axiaq vs Montagno Logistics Limited et**, (Avv Nru: 33/2016) fis-7 ta' Ottubru 2016.

[7] Dan seħħ bl-Avviż Legali 142 tas-sena 1995.

possibbli, proċeduri bħal dawn isiru fil-post ta' residenza tal-konvenut u dan peró jibqa' dejjem poter diskrezzjonali fuq minn hu tenut jiġġudika[8]. Huwa dan il-fattur ewlieni li għandu jiġi applikat[9].

Illi wara li ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ, għalhekk it-Tribunal jifhem li huwa aktar preferibbli li dan il-każ jitkompla fil-gżira t'Għawdex, ġialadarba jirriżulta li l-indirizz u r-residenza tal-konvenuti hija f'dik il-Gżira.

Illi madanakollu dan ma jfissirx li dan it-Tribunal qiegħed jilqá din l-eċċezzjoni.

Illi t-Tribunal iqis li għandu jimxi kif ġie deċiż fis-sentenza fl-ismijiet **Silvana Gandolfo Mazza vs Arriva Malta Limited (App Nru: 769/2013)** deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar it-2 ta' Marzu 2018. F'dik is-sentenza il-Qorti tal-Appell kienet ikkritat l-ewwel Tribunal talli dan laqa' eċċezzjoni simili fil-parti disposittiva meta kien rraġuna li dik l-eċċezzjoni hija żbaljata. Il-gwida tal-Qorti kienet li dik l-eċċezzjoni kellha tiġi riġettata (għaliex kienet ibbażata fuq

---

[8] L-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid hekk: *"It-Tribunal għandu jżomm il-laqgħat tiegħu f'dak il-post jew dawk il-postijiet f'Malta u Għawdex hekk kif il-Ministru jista' jistabbilixxi b'ordni fil-Gazzetta u t-Tribunal għandu, sa fejn ikun prattikabbli, iżomm il-laqgħat tiegħu fil-gżira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkollha r-residenza ordinarja tagħha."*

[9] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza preliminari fl-ismijiet **Victor Vella et vs Torsten Manfred Bendlin**, (Talba Nru: 229/2016 VG) mogħtija minn dan it-Tribunal diversament preseduta nhar il-31 ta' Ottubru 2016. Dak it-Tribunal ( li wkoll qabel mar-raġunament mogħti f'din is-sentenza) kien iċċita minn sentenza oħra tal-Qorti tal-Appell (Sede Infjuri), fl-ismijiet **Albert Xiberras et vs Mark Sammut**,(App Ċiv Nru: 48/10/RCP) deċiża fis-17 ta' Novembru 2011 li kienet qalet hekk: *".....iżda ma hemm l-ebda dubju li l-ewwel xelta u preferenza għandha bħala regola tkun dejjem li s-sede fejn għandha tinstema' l-kawża hija determinata fejn jirresjedi l-konvenut*............ Imbagħad, aktar tard fis-sentenza, dak it-Tribunal qal hekk:" *Illi għalhekk, filwaqt li jirriżulta biċ-ċar – anke minn qari taż-żewġ sentenzi awtorevoli mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) li l-kunċett ta' privilegium fori kif nafuh fil-Kodici ritwali gaħna ma jeżistiex fil-proceduri quddiem dan it-Tribunal, jidher bic-car li l-legislatur ried li dan it-Tribunal għandu, sa fejn ikun prattikabbli, iżomm il-laqgħat tiegħu fil-gzira fejn il-persuna li kontriha ssir it-talba jkolla r-residenza ordinarja tagħha. F'dan il-każ, ir-residenza ordinarja tas-soċjetá konvenuta hija Għawdex"*

il-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara dan semmai, it-Tribunal kellu jagħti ordnijiet a tenur tal-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi hekk seħħ ukoll riċentement f'sentenza oħra ta' dan it-Tribunal fl-ismijiet **Jazz International Marketing Limited (C7379) vs St. John's Pharma Trading Limited (Talba Nru: 575/2018PM)** mogħtija fl-1 ta' April 2019. Dak it-Tribunal filwaqt li ċaħad eċċezzjoni simili, għamel ordni wara l-parti dispożittiva fejn irrimanda l-atti lit-Tribunal sabiex il-każ jitkompla fil-gżira ta' Għawdex.

Illi wara debita riflessjoni, it-Tribunal isib li huwa għandu jaġixxi bl-istess mod.

Għaldaqstant it-Tribunal filwaqt li qiegħed jiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut rigwardanti il-*privilegium fori* qiegħed a tenur tal-artikolu 3(4) tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta jordna lir-Reġistratur sabiex, a spejjeż tas-soċjetá attriċi, dan jassenja l-kawża odjerna lit-Tribunal kif diversament presjedut u dana sabiex dawn il-proċeduri jitkomplew u jiġu deċiżi mill-istess Tribunal kif diversament presjedut fil-gżira ta' Għawdex.

L-ispejjeż ta' din is-sentenza għandhom jibqgħu riżervati għall-ġudizzju finali.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur